L-Università ta' Malta

IL-BORD TAL-MATRIKOLA U
TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA

**LIVELL INTERMEDJU TAL-MATRIKOLA**
**L-EWWEL SESSJONI 2026**

| | |
|---|---|
| SUĠĠETT: | **Il-Malti** |
| DATA: | 9 ta' Mejju 2026 |
| ĦIN: | mill-4:00 p.m. sas-7:05 p.m. |

## TAQSIMA A: IL-QARI U L-KITBA PRATTIKA

### A1. Il-qari

**Aqra din is-silta u wara wieġeb il-mistoqsijiet.**

**Il-kartiera diġitali tal-Unjoni Ewropea**

Immaġinak barra d-diskoteka tfittex karta tal-plastik li turi li għandek tmintax-il sena; imbagħad immaġina li tista' taqbad il-mobile, turi marka ħadra u tibqa' dieħel. Dan huwa l-potenzjal li għandha l-kartiera diġitali l-ġdida tal-Unjoni Ewropea (UE) – app tal-mobile li bi kredenzjali waħda mistennija tissostitwixxi ġungla ta' cards u passwords. (par. 1)

Il-kunċett huwa sempliċi: il-gvern jew kumpanija tat-telekomunikazzjoni joħorġulek "ċertifikati" diġitali siguri fuq il-mobile; meta jkollok bżonn tagħti prova ta' xi ħaġa (l-età, l-indirizz, id-dritt li tgħix fl-UE), int tagħżel x'taqsam u xi żżomm għalik. Minflok turi d-data tat-twelid sħiħa tiegħek, tista' tibgħat risposta li tgħid biss "fuq it-tmintax". Dan huwa l-prinċipju taż-zero-knowledge proof – l-ekwivalenti diġitali li tgħid lill-bouncer: "Staqsi lill-ħabib tiegħi iniex kbir biżżejjed; hu jixhed għalija imma ma jikxifx meta twelidt." (par. 2)

Il-Kummissjoni Ewropea tinsisti li dat-tip ta' żvelar selettiv se jsir in-norma skont il-linji gwida l-ġodda marbuta mal-Att dwar is-Servizzi Diġitali (DSA), li jobbliga lill-pjattaformi l-kbar jieħdu passi "raġonevoli" biex jipproteġu lit-tfal mill-kontenut ta' ħsara u mir-reklamar immirat. Bil-kartiera diġitali, il-kategorija tal-età tal-utenti tkun tista' tiġi kkonfermata b'mod sigur. (par. 3)

Madankollu, il-kritiċi jistaqsu: X'jiġri jekk jinkisirlek il-mobile meta jkollok bżonn il-kartiera diġitali? Il-mobile jista' jsir apparat ta' sorveljanza għall-pulizija? Għalkemm il-leġiżlaturi tal-UE ħasbu f'dan kollu, jibqa' l-fatt li mhux kulħadd jafda lill-istat b'aktar data, anke jekk din tibqa' fil-mobile. Il-mudell ta' żvelar selettiv jista' jipperswadi lil min għandu d-dubji. Għax-xiri online, minflok jingħataw id-dettalji bankarji, permezz tal-kartiera diġitali jintbagħat il-ħlas flimkien ma' verifika li m'hemmx frodi; il-bejjiegħ qatt ma jingħata d-dettalji tax-xerrej. (par. 4)

Il-bidla mhix se ssir f'daqqa. Il-liġi tal-UE teħtieġ li fil-futur qarib kull Stat Membru joffri mill-inqas kartiera waħda tal-Identità Diġitali tal-UE liċ-ċittadini, lir-residenti u lin-negozji. Importanti li l-kartiera nazzjonali tagħna tkun teknoloġikament kompatibbli ma' kartieri barranin. Għandhom ukoll isiru kampanji ta' għarfien sabiex in-nies jifhmu li ż-zero-knowledge proofs mhumiex xjenza fittizja, imma tarka sempliċi għall-privatezza. (par. 5)

*(Adattata minn "Wiċċek mhux biżżejjed: Għaliex l-Ewropa trid kartiera diġitali f'kull but" ta' Alexiei Dingli, li deher fis-sit illum.com.mt fit-3 ta' Settembru 2025.)*

***Jekk jogħġbok aqleb il-paġna.***

© Il-Bord tal-Eżamijiet tal-MATSEC jirriżerva kull dritt fuq il-mistoqsijiet u l-karti tal-eżamijiet tiegħu.

**Wieġeb il-mistoqsijiet skont dak li għadek kemm qrajt.**

1. Ikteb l-ittra tal-istqarrija t-tajba: (2)
   a. Il-kartiera diġitali jkollha biss informazzjoni dwar l-età u r-residenza.
   b. L-informazzjoni li tintbagħat mill-kartiera diġitali tkun minima.
   ċ. Il-kartiera diġitali tibgħat l-informazzjoni kollha li jkollha dwarek.
   d. L-informazzjoni li tidher fil-kartiera diġitali ma tkunx kollha minnha.

2. Qassar it-test li għadek kemm qrajt f'paragrafu **WIEĦED** ta' **bejn 80 u 90 kelma**. Ikteb fi kliemek u uża l-ewwel persuna fl-imperfett. (5)

3. L-awtur jgħid li "ż-zero-knowledge proofs mhumiex xjenza fittizja, imma tarka sempliċi għall-privatezza" (par. 5). Irreferi għall-kumplament tas-silta biex tispjega kif iħarsu l-privatezza tan-nies. (3)

**A2. Il-kitba prattika**

Immaġina li inti ġurnalist/a b'interess kbir fit-teknoloġija u l-avvanzi li jsiru fiha. Ikteb kitba espożitorja ta' bejn **100 u 150 kelma** li fiha tispjega l-benefiċċji ta' xi servizzi diġitali bħalma hi l-kartiera diġitali. (10)

**(Total: 20 marka)**

**TAQSIMA B: IL-LINGWISTIKA**

**Wieġeb IŻ-ŻEWĠ mistoqsijiet.**

1. Waħda mill-funzjonijiet ewlenin tal-lingwa hija li tagħti identità lil min jitkellimha. Iddiskuti f'kitba ta' **bejn 80 u 100 kelma**. (6)

2. Ħarsa lejn in-nomi u l-verbi malajr turina li l-Malti huwa lsien imħallat. F'kitba ta' **bejn 300 u 350 kelma** ddiskuti s-saffi lingwistiċi prinċipali li jsawru lil ilsienna billi tagħmel referenza għal kliem li ġej minn sorsi differenti. (15)

**(Total: 21 marka)**

**TAQSIMA Ċ: IL-POEŻIJA**

**Agħżel titlu WIEĦED u ikteb komponiment ta' bejn 300 u 320 kelma.**

1. Uħud mill-poeżiji ta' Simone Galea juru xenqa għall-imħabba waqt li oħrajn juru dubji dwar il-futur tal-koppja. Iddiskuti din it-tensjoni fil-ġabra *Xi Drabi Mqar Persuna*.

**JEW**

2. Bil-poeżiji tagħha Simone Galea tipprova tikteb jew tibni lilha nnifisha permezz tal-metafori, ix-xbihat u l-lakuni li tħalli. Iddiskuti billi tirreferi għall-ġabra *Xi Drabi Mqar Persuna*.

**(Total: 22 marka)**

**TAQSIMA D: Il-PROŻA**

**Agħżel titlu WIEĦED u ikteb komponiment ta' bejn 300 u 320 kelma.**

1. L-ambizzjoni fir-rumanz *Ħelsien* ta' Ġużè Bonnici twassal għal riżultati li jvarjaw skont il-karattri. Iddiskuti.

**JEW**

2. Fir-rumanz *Ħelsien* ta' Ġużè Bonnici, hemm differenza ċara bejn il-mod li bih in-narratur jiddeskrivi lill-familja ta' Feliċ u l-mod li bih jiddeskrivi lir-raħlin l-oħra. Iddiskuti din id-differenza u l-effett li tħalli fuq il-qarrejja.

**(Total: 22 marka)**